# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

**Laqgħa Nru. 44/K9/22**

Data tal-laqgħa: 21 ta' Lulju 2022

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-4.30 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Dott. Albert Buttigieg – Sindku
Guido Dalli - Kunsillier
Patricia Camilleri - Kunsillier
Adrian Domenic Ellul – Kunsillier
Martin John Sultana - Kunsillier
John Agius – Kunsillier
Rita Dimech Portelli
Sean Gauci - Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (0) – (1)**

Clayton Luke Mula – Viċi Sindku (Inc. 31571/22)

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Cher Carmen Fenech – Deputat Segretarju Eżekuttiv
Marthese Grech - Skrivana

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**44.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

44.1.01 Il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula talab li jkun skużat għal-laqgħa tal-Kunsill. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**44.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

44.2.01 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet il-Minuti 43/K9/22 għall-approvazzjoni.

44.2.02 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul talab li ssir korrezzjoni dwar 43.4.01 dwar is-sinjali tat-triq Telgħet Birkirkara fejn hu ppropona li is-sinjali tat-triq ma jitneħħewx u ssir giveway u l-Kunsill qabel ma din il-proposta.

44.2.03 Il-Kunsillier John Agius talab li jiġu rranġati u jitneħħew minn preżenti l-Kunsilliera Sean Gauci u l-Kunsillier Guido Dalli minħabba li dawn ma kienux preżenti għal laqgħa.

44.2.04 Wara diskussjoni qasira u l-korrezzjonijiet li saru, il-Kunsillier Guido Dalli ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

44.2.05 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondatu fl-approvazzjoni.

44.2.06 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti Imqajjma mill-Minuti**

44.2.07 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul qajjem il-punt dwar 43.2.07 dwar kwotazzjoni għan-niċċa ġewwa ta' Ġiorni. Huwa ġie nfurmat mill-Kunsillier Martin John Sultana li waħda mill-kwotazzjonjiet hija ta' €2,000 vat eskluż bit-twahhil u fil-post iżda hemm kwotazzjonijiet oħra 'l fuq minn €3,000. Id-Deputat Segretarju spjega li mportanti li dawn ikunu bil-miktub u jintbagħtu lill-Kunsill. Huwa staqsa wkoll dwar punt 43.3.02 huwa ġie nfurmat li fir-rigward id-dawl iridu niċċekjaw mal-kuntrattur tal-Kunsill.

44.2.08 Il-Kunsillier John Agius staqsa dwar 43.2.08 dwar meta ser ikun qiegħed jitla' l-Perit tal-Kunsill dwar ix-xogħolijiet ta' Triq Lapsi. Huwa ġie nfurmat li ser ikun qiegħed jiltaqa' miegħu u mas-Sindku. Qajjem il-punt dwar il-fustun li sar mal-promenade u staqsa ghala dan għandu żewġ tipi ta' kuluri bojod. Dan minhabba li l-kuntrattur ma kienx preparat ghal dan id-dawl kollu u minhabba vandalizmu

li jista jsir. Staqsa wkoll fuq 43.3.01 dwar tlett parkeġġi ta' Triq Mikielanġ Borġ ghax dawn jistghu joholqu xi incident. Huwa spjega li ltaqa' ma' persuna tal-health and safety u qallu li dawn qegħdin ħażin f'każ ta' incident. Staqsa dwar l-advertising barriers fejn ġie nfurmat li saret laqgħa l-bieraħ u ntlaħaq kompromess sabiex l-ammont dovut jitħallas.

44.2.09 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul qajjem il-punt dwar 43.08.09 dwar iż-żebra crossing ħdejn il-monument ma tistax issir bil-kuluri tal-qawsalla, dan minħabba li l-kuntrattur jibqagħlu ħafna żebgħa li l-uniku użu tagħha hija għal din iż-żebra crossing speċifika.

44.2.10 Il-Kunsillier Martin John Sultana staqsa dwar item 43.5.03 dwar l-e-scooters. Huwa ġie nfurmat miċ-Ċermen li l-Pulizija qed jwaqqfu persuni li qed jkunu tnejn fuq scooter wiehed u qed jwaqqfu wkoll persuni li jkunu għadejjin fid-direzzjoni l-ħażina tat-traffiku. Ser tkun qed issir laqgħa mas-Sindki kkonċernati biex flimkien mar-Reġjun Lvan kulħadd jimxi b'idea waħda. Din il-laqgħa ser issir fis-26 ta' Lulju 2022.

44.2.11 Il-Kunsillier Martin John Sultana staqsa dwar item 43.4.01 dwar l-ERA u s-sitwazzjoni ta' l-iskart fejn ġie nfurmat li ċ-Ċermen ser ikun qiegħed jagħti aġġornament il-quddiem fil-laqgħa. Staqsa wkoll dwar 43.3.04 dwar jekk intbagħtux l-ittri dwar l-iskart fi Triq Sir Joseph Carbone. Huwa ġie nfurmat li dawn intbagħtu.

44.2.12 Tqajjem il-punt dwar ix-xiri ta' vann. Il-Kunsilliera Patricia Camilleri staqsiet jekk huwiex possibli li dan il-vann jintuża wkoll bħala mezz ta' transport għal ikel ta' l-anzjani. Wiehed irid jiehu in konsiderazzjoni is-sewwieq ta' dan il-van kif ser ikun impjegat.

44.2.13 Il-Kunsillier Guido Dalli qajjem il-punt dwar il-laqgħa li saret mal-community police. Huwa issuġġerixa li meta nibagħtu xi leaflets tal-Kunsill ninkludu wkoll it-telephone numbers tal-community police sabiex in-nies ikunu jafu bihom. Huwa ssuġġerixa li Ġnien Spinola ma' jingħalaqx għax iktar qed isiru abbużi u li dan ghandu jitnaddaf, jinżebgħu l-bankijiet u xogħolijiet oħra. Iċ-Ċermen infurmaħ li dan ser ikun qiegħed isir bil-għajnuna mal-Malta Tourism Authority.

## 44.3 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen;

44.3.01 Iċ-Ċermen spjega li:

- Il-proposta sabiex jinxtara vann għal-użu bħala transport ġiet aċċettata. Id-Deputat Segretarju spjegat li jrid jinħareġ tender minħabba li l-ammont jaċċedi l-€5,000. Il-Kunsillier Guido Dalli

ssuġerixxa li nitolbu l-għajnuna lir-Reġjun Lvant. Il-Kunsillier Martin Sultana ssuġerixxa li għanda tinħareġ sejħa għal sewwieq sabiex jinstaq il-vann. Il-Kunsillier Guido Dalli ssuġerixxa li nsaqsu lid-Dipartiment sabiex inkunu nistgħu nġibu fondi sabiex ikun jista jsir l-ħlas tas-sewwieq.

- Fir-rigward is-sejħa ta' community worker saru żewġ interviews iżda ħadd minnhom ma nteressa ruħu. Id-Deputat Segretarju spjegat li tkellmet mal-jobsplus u ssuġerixxew li inaqqsu r-rekwiżiti tas-sejħa. Għaldaqstant ser inkunu qed nġibu l-approvazzjoni sabiex titnaqqas il-liċenzja tal-karozza.

- Fir-rigward il-laqgħa li kellha ssir maċ-CEO ta' Infrastructure Malta din ġiet ikkanċelata minħabba li ċ-CEO irriżenja. Huwa spjega li ser ikun qiegħed jagħmel laqgħa mac-CEO il-ġdid. Iċ-Ċermen ser ikun qiegħed jistieden lill-Kunsillier Martin John Sultana u l-Kunsillier Adrian Domenic Ellul għal din il-laqgħa.

- Iċ-Ċermen spjega li Telgħet Birkirkara kważi lesta. Infrastructure Malta ser tkun qed tagħmel Triq William H. Prescott. Wara ser tkun qed issir ukoll Telgħet Birkirkara minn The Palms sa l-Malta Lingwa. Il-Kunsillier Martin John Sultana staqsa dwar il-parti ta' Triq Bertha K.Ilg fejn il-garaxxijiet li din qatt ma ġiet inkluża. Iċ-Ċermen infurmaħ li ser ikun qiegħed jinkludiha mal-lista ta' toroq li ser ikunu qed jiġu diskussi ma' Infrastructure Malta.

- Fir-rigward l-iskema tal-festival tal-kultura, din ser tkun qed issir fl-aħħar ta' Settembru. Ġie ssuġerit li jsir sotto kumitat. Dawn ser ikunu l-Kunsilliera Guido Dalli, Adrian Domenic Ellul, Patricia Camilleri, Sean Gauci u Clayton Luke Mula ser ikun iċ-Ċermen ta' dan is-sotto kumitat. Id-Deputat Segretarju spjegat li importanti li kull kwotazzjoni li tinġieb tkun bil-miktub minħabba li irridu nipprovdu d-dokumenti kollha neċċesarji.

- Saret laqgħa mal-avukat tal-Kunsill dwar issues li l-Kunsill għandu pendenti. Il-Kunsill irċieva wkoll ittra mill-qorti dwar art li ġiet użata minn kuntrattur partikolari iżda din l-art hija privata. Iċ-Ċermen spjega li din qatt ma ġiet diskussa fl-ebda laqgħa tal-Kunsill għaldaqstant l-Kunsill qatt ma kien infurmat b'dan.

- Spjega li min-naħa tal-kumpanija Ecabs għandhom diversi proposti sabiex jieħdu ħsieb il-promenade mill-Love Monument sal-Balluta.

- Fl-ewwel ġimgħa ta' Awwissu ser ikun qiegħed isir manutenzjoni u tindif mal-monument Qalb ta' Ġesu'. Il-Malta Tourism Authority ser ikun qiegħed jiffinanzja dan.

- Illum saret laqgħa mal-ERA dwar il-bring in sites fil-lokalita' tagħna. Huma jridu li dawn il-bring in sites jerġgħu jitpoġġew. Iċ-Ċermen spjega li hu oġġezzjona. Min-naħa tal-ERA pproponew li jiżdiedu żewġ postijiet oħra. Ġie suġġerit sett ieħor taħt il-pont fi Triq il-Baltiku u fix-Xatt ta' San gorg. Il-Kunsill qabel unanimament. Ġie ssuġerit li jkun hemm uffiċjali mill-ERA sabiex isir aktar moniteraġġ.

- Saret laqgħa mal-Kummisarju tal-Pulizija fejn ġew diskussi diversi problemi li l-Kunsill jaffaċja. Ġie ssuġġerit fost ħafna oħrajn li t-toroq ta' l-area ta' Paceville tkun moniterjata kull triq.

- Min-naħa tal-Cleansing Service Department, l-iskart kummerċjali ser jibda' jinġabar tlett darbiet fil-ġurnata fl-area ta' Paceville. Iċ-Ċermen ippropona wkoll li jkun hemm aktar enforcement dwar is-sitwazzjoni ta' l-iskart minħabba li jekk min-naħa tagħna nqabdu uffiċċjali tal-LESA din tkun ta' spiża fuq il-Kunsill.

- Saret laqgħa mal-kuntrattur tal-knis, skart u ġodda li huwa l-istess persuna, fejn iċ-Ċermen u d-Deputat Segretarju ddisukutew diversi problemi li qed jinħolqu. Ser tkun qed tingħata wkoll skeda tal-knis.

- Spjega dwar il-pocket gardens, fejn il-Kunsill irid jġib devoluzzjoni min-naħa tad-Dipartiment. Iċ-Ċermen ser ikun qiegħed ukoll jitkellem mal-Housing Authority dwar din il-materja.

- Spjega li ser ikun qiegħed jattendi għal stedina mis-Sindku ta' Saku ġewwa l-Estonja.

**44.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

44.4.01 Il-Kunsillier Guido Dalli staqsa jekk sarux ir-road markings fi Triq Mikielang Borg. Huwa staqsa wkoll dwar il-monument tal-Gużi Tanti li għadu mitfi. Iċ-Ċermen spjega li l-applikazzjoni għadha ma ġietx milqugħa. Huwa tkellem dwar d-dog park sabiex jitnaddaf b'mod iktar regolari u forsi jsir xi dawl miegħu. Fir-rigward il-culverts fil-lokalita' dawn għandhom jiġu mnaddfa b'bowser. Fir-rigward it-taraġ tal-Knisja huwa ġab stima. Iċ-Ċermen spjega li fir-rigward l-iskema li hemm min-naħa tar-Reġjun Lvant nistgħu nuzaw parti minnha sabiex jiġi rranġat dan it-taraġ. Il-Kunsillier Guido Dalli tkellem dwar il-petizzjoni li saret dwar it-Triq Guido Calleja minhabba li nbidel l-isem ta' triq. Ic-Cermen spjega li kien hemm xi residenti li ma kellhomx indikazzjoni cara minn fejn sa fejn ser isir dan it-tibdil ta' l-isem. Dan ta' l-ahhar informa ukoll li d-

dahla ta' Tugulio ser tinghata l-isem ta' d-Dahla Qalb ta' Gesu' minhabba li gejjin xi ufficini.

44.4.02 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri ssuġerit li l-ġita li ser tiġi organizzata mill-Kunsill għandha tiġi mħabbra waqt l-avviżi tal-quddies. Hija ġiet infurmata li diġa konna infurmajna lill-kappillani.

44.4.03 Il-Kunsillier Martin John Sultana staqsa dwar il-proġett tal-funtana. Huwa ġie nfurmat li dan ir-railing mhux ser ikun qiegħed isir għalissa minħabba li preżentament hemm tower crane. Huwa staqsa dwar ir-railing ta' Triq il-Kbira, dan ser ikun qiegħed isir. Fir-rigward il-bus stop li kellha ssir ġewwa ta' Ta' Ġiorni ħdejn l-ATM dan għadha ma saritx. Huwa ġie nfurmat miċ-Ċermen li ser nerġghu nkellmuhom.

**44.5 Laqgħa ma' San Ġiljan Waterpolo Club dwar proposta.**

44.5.01 Din is-suġġett ma ġiex diskuss minħabba li ma setgħux jattendu.

**44.6 Preparamenti għal festa**

44.6.01 Ser tkun qed issir laqgħa mat-Transport Malta, LESA u Pulizija dwar traffic management.

44.6.02 Sar avviż fil-gazzetta tal-gvern fir-rigward il-ħruġ tal-permessi fejn ingħatat *deadline* sa meta jinħarġu l-permessi.

44.6.03 Mhux ser ikunu qed jinħarġu permessi għal kiosks ġodda.

44.6.04 L-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill ser jinżamm magħluq l-għada tal-festa.

44.6.05 Ser ikunu qed isiru mobile toilets għal matul iż-żmien tal-festa.

44.6.06 Fil-ġimgħa tal-festa, il-Gimgħa 26 ta' Awwissu ser ikun qiegħed isir festin żgħir u fid-dawl ta' dan ser inkunu qed nistiednu lir-Reġjun Lvant sabiex ikunu jistgħu jippreżentaw l-flus li qed jingħataw lill-għaqdiet permezz ta' skema maħruġa min-naħa tar-Reġjun stess.

**44.7 Talbiet żgħar;**

**44.7.01 Talba għal-laqgħa mal-Onorevoli Inġ. Mark Anthony Sammut (Inc. 30021/22)**

44.7.01.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li jiġi mistieden għal laqgħa ta' Settembru.

**44.7.02 Korrispondenza mal-Kunsillier Adrian Dominic Ellul dwar siġra f' Ta' Ġiorni (Inc. 30656/22 & Inc. 3130/22);**

44.7.02.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li m'hemmx bżonn permess min-naħa ta' l-ERA. Iċ-Ċermen spjega li ma jaqbilx li din is-siġra tinqala. Intant ser ikun qiegħed isir żbir tagħha.

**44.7.03 Talba mingħand il-Perit Noemi Della Pieta dwar tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet għal Happy Dayz Bar, ix-Xatt ta' Spinola (Inc. 30843/22)**

43.7.03.01 Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma qabilx ma din il-proposta u ser tkun qed tintbaghat ittra mill-kunsill.

**44.7.04 Ċirkulari Numru SPI/SCI/6/2022 – Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali (Inc. 30860/22)**

44.7.04.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li napplikaw għal xogħolijiet ta' manutenzjoni tat-Taraġ Anġelo Pullicino minħabba li dan il-proġett kien sar min-naħa tal-Gvern Ċentrali.

**44.8.05 Email mingħand il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul dwar l-iskart fil-lokalita' (Inc. 30914/22 & Inc. 31102/22);**

44.8.05.01 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul spjega li din il-mozzjoni mhijiex politika. Wara diskussjoni fit-tul, ġie deċiż li tintbagħat ittra lill-Green Pak sabiex issir kampanja edukativa lir-residenti. Ser tkun qed issir skeda tal-ġranet meta it-toroq jinkinsu. F'din il-mozzjoni ġie ssuġerit li għandhom jibdew jinħarġu default notices lill-kuntrattur meta x-xogħol ma jsirx. Wara diskussjoni, l-Kunsill għadda għal vot u qabel unanimament apparti l-ħruġ tad-default notices.

**44.8.06 Kwotazzjoni mingħand is-Sur Chris Galea (Inc. 30916/22)**

44.8.06.01 Din il-kwotazzjoni ma ġietx aċċettata.

**44.8.07 Dokument mingħand il-Pulizija rigward is-servizzi tal-Pulizija tal-Komunita' (Inc. 30966/22);**

44.8.07.01 Dan id-dokument ser ikun qiegħed jintbagħat lill-Kunsilliera.

**44.8.08 Email b'suġġeriment sabiex titneħħa l-Bus Stop bl-isem ross (Inc. 31209/22);**

44.8.08.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li napplikaw mat-Transport Malta.

**44.8.09 Kwotazzjoni mingħand is-Sur Giovanni Mifsud rigward handrail fi Triq Birkirkara (Inc. 31290/22);**

44.8.09.01 Wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel ma din il-kwotazzjoni.

**44.8.10 Talba mingħand is-Soċjeta Mużikali Spinola sabiex jicaqalqu l-arbli tal-festa kif ukoll tal-Milied minħabba xi inċidenti (Inc. 31309/22);**

44.8.10.01 Wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel unanimament ma' din it-talba dment li dawn jitmexxew għas-spejjez tagħhom kif ukoll jitħalla aċċess sabiex jgħaddi siġġu tar-roti jew pushchair.

**44.8.11 Email mingħand is-Sur Adrian Balzan sabiex tingħalaq it-triq bejn St. Julian's Business Centre u l-Fimbank (Inc. 31220/22);**

44.8.11.01 Wara diskussjoni qasira l-Kunsil qabel unanimament mat-talba tagħhom dment li kollox isir għas-spejjez tagħhom. Iċ-Ċermen ser ikun qiegħed jiltaqa' magħhom.

**44.8.12 Skema Ċirkulari Numru SPI/SCI/07/2022 – Espressjoni ta' Interess: World cleanup The World Campaign 2022 (Inc. 31398/22);**

44.8.12.01 Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill ser ikun qiegħed japplika sabiex isir clean up fil-baħar ġewwa x-Xatt ta' Spinola.

**44.8.13 Skema Ċirkulari Numru SPI/SCI/08/2022 – Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2022 (Inc. 31399/22);**

44.8.13.01 Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel li japplika għal din l-iskema. Ser inkunu qed napplikaw għal-kunċert li jiġi mtella' mill-Maestro Brian Cefai, issir attivita' għal anzjani bħal coffee morning, kif ukoll mawra għal Għawdex meta jkun hemm il-presepju ta' Bethlem ġewwa Għajnsielem, jkun hemm party għat-tfal ta' l-istitut u Purcissjoni bil-Bambin.

**44.8.14 Kwotazzjoni sabiex jiġi rranġat it-taraġ tal-Knisja (Inc. 31313/22);**

44.8.14.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ser inkunu qed nużaw il-finanzi min-naħa tar-Reġjun Lvant fir-rigward l-iskema li qed tiġi offruta min-naħa tagħhom.

**44.8.15 Internal Call għal skala 16 – Assistant Handyman.**

44.8.15.01 Il-Kunsill irċieva applikazzjoni mingħand is-Sur Aphron Agius. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel li s-Sur Agius jitla' għal skala 16.

**44.11 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

44.11.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 5751 sa 5797. (Ara Appendiċi 'A')

44.11.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**44.12 Skeda tal-Pagamenti**

44.12.01 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'B')

44.12.02 Il-Kunsillier Sean Gauci ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

44.12.03 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondatu fl-approvazzjoni.

**44.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

44.11.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-laqgħa għal nhar il-Ħamis 18 ta' Awwissu 2022 fl-4.30p.m.

44.11.02 Il-laqgħa ntemmet fit-8.00p.m.

IFFIRMATI

**Dott. Albert Buttigieg**
**Ċermen**

**Cher Carmen Fenech**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

**Data:** 18 ta' Awwissu 2022